

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Ġunju 2017 – Inox Mare vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-347/16) <sup>(1)</sup>**(“Rikors għal annullament — Unjoni doganali — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata li l-ħlas mill-ġdid tad-dazju fuq l-importazzjoni ma huwiex iġġustifikat f'każ partikolari — Rikors ta' operatur ieħor — Nuqqas ta' interess dirett — Inammissibbiltà”)**

(2017/C 269/31)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Inox Mare Srl (Rimini, l-Italja) (rappreżentanti: R. Holzeisen, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Caeiros, J. Baquero Cruz u D. Nardi, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 9672 finali, tas-6 ta' Jannar 2016, li tikkonstata li l-ħlas mill-ġdid tad-dazju fuq l-importazzjoni ma huwiex iġġustifikat f'każ partikolari (REM 02/14).

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Inox Mare Srl għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU C 296, 16.8.2016

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Ġunju 2017 – Vankerckhoven-Kahmann vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-582/16) <sup>(1)</sup>**(“Servizz pubbliku — Uffiċjali — Bini mill-ġdid tal-karriera — Rifut ta' promozzjoni — Trasferiment interistituzzjonali — Klassifikazzjoni fi grad — Talba fis-sens tal-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-persunal — Terminu raġjonevoli — Inammissibbiltà”)**

(2017/C 269/32)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Monique Vankerckhoven-Kahmann (Enghien, il-Belġju) (rappreżentant: N. Lhoëst, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn G. Berscheid u C. Berardis-Kayser, sussegwentement minn G. Berscheid u L. Radu Bouyon, aġenti)

**Suġġett**

Talba skont l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament, minn naħa, tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' April 2015 li biha ġiet irrifjutata r-reviżjoni tal-grad tar-rikorrenti waqt it-trasferiment tiegħu u, min-naħa l-oħra, tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2015 li tiċħad l-ilment tagħha ppreżentat fis-17 ta' Lulju 2015.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.

2) Monique Vankerckhoven-Kahmann għandha tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU C 145, 25.4.2016 (kawża inizjalment irreġistrata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea taħt in-Numru F-11/15 u ttrasferita quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-1.09.2016).

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Ġunju 2017 – Márquez Alentà vs EUIPO – Fiesta Hotels & Resorts (Rappreżentazzjoni ta' nemla)**

(Kawża T-657/16) <sup>(1)</sup>

**(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva li tirrappreżenta nemla — Revoka tad-deċiżjoni kkontestata — Għajbien tas-suġġett tal-kawża — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)**

(2017/C 269/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrent: Marc Márquez Alentà (Cervera, Spanja) (rappreżentant: J. Carbonell Callicó, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: E. Zaera Cuadrado, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Fiesta Hotels & Resorts, SL (Ibiza, Spanja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-30 ta' Ġunju 2016 (Każ R 1242/2015-1) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Fiesta Hotels & Resorts u M. Márquez Alentà.

**Dispożittiv**

1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.

2) L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) huwa kkundannat ibati l-ispejjeż tiegħu stess kif ukoll dawk sostnuti minn Marc Márquez Alentà.

<sup>(1)</sup> ĠU C 410, 7.11.2016.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Mejju 2017 – Le Pen vs Il-Parlament**

(Kawża T-863/16) <sup>(1)</sup>

**(“Rikors għal annullament — Regolamenti dwar l-ispejjeż u l-allowances tal-Membri tal-Parlament Ewropew — Allowance għal assistenza parlamentari — Irkupru tas-somom imħallsa indebitament — Inammissibbiltà manifesta parzjali — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni parzjali”)**

(2017/C 269/34)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Jean-Marie Le Pen (Saint-Cloud, Franza) (rappreżentanti: M. Ceccaldi u J.-P. Le Moigne, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: S. Seyr u G. Corstens, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament, tad-29 ta' Jannar 2016, dwar l-irkupru mingħand ir-rikorrenz tas-somma ta' EUR 320 026,23 imħallsa indebitament għal assistenza parlamentari, tan-nota ta' debitu relatata magħha, tal-4 ta' Frar 2016, u tad-deċiżjoni tal-Kwesturi tal-4 ta' Ottubru 2016, li tiċħad l-ilment tar-rikorrenz kontra d-deċiżjoni tad-29 ta' Jannar 2016.